MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 7/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Jannar, 2011 ghall-habta tas-14.00 hrs fi Triq Dawret il-Qalb Mqaddsa, Birzebbugia u fi Triq San Pawl, Birzebbugia

1. saq vettura numru CRX 028 tal-marka 'Honda' waqt li kien fi zmien ta' sospenzjoni jew skwalifika tal-licenzja tas-sewqan b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 19 ta' Frar, 2010 (Imhallef Dr. D. Scicluna LL.D);
2. saq vettura numru CRX 028 tal-marka 'Honda' minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta;

3. fl-istess data ghall-habta tat-20.40 hrs naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC 1321 E. Hayman meta rega` saq l-imsemmija vettura numru CRX 028 fi Triq Birzebbugia, Birzebbugia;
4. sar recediv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 19 ta' Frar, 2010 (Imhallef Dr. D. Scicluna LL.D) u sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 22 ta' Gunju, 2010 (Magt Dr. A. Micallef Trigona LL.D) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 kif ukoll l-artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal- akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ammenda ta' hamsin Ewro (€50) ghal dak li jirrigwarda t-tielet akkuza filwaqt illi kkundannatu piena ta' habs ta' tliet (3) xhur ghall-ewwel, it-tieni u r-raba` akkuża.

Il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 15 tal-Kap. 9 skwalifikat lill-appellant ghal zmien xahar milli japplika ghall-licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u ġusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi s-sentenza mhix ekwa w gusta.

Ir-rikors tal-appell ikompli hekk:

'Illi l-fatti kienu sempliċiment is-segwenti:-

**Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmija kien hemm rapport li l-appellant kien qed isuq;**

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u dan jinsab illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti peress li m'hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.'

L-Avukat Ġenerali eċċepixxa li l-appellant naqas li jikkonferma ruħu mal-artikolu 419(1)(a) tal-Kap 9 għaliex m'għamilx il-fatti fil-qosor.

Il-Qorti rat x'effettivament kien kiteb l-appellant fl-appell tiegħu dwar il-fatti. Iss-entenza relevanti hija l-parti b'ittri bold biss. Il-parti l-oħra hija aggravju dwar l-apprezzament tal-fatti.

L-Avukat Ġenerali għandu raġun jagħti din l-eċċezzjoni. L-ewwelnett fil-parti dwar il-fatti m'hemm ebda ħjiel dwar it-tielet imputazzjoni - 'naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PC 1231 E.Hayman' u t-tieni l-affidavits jixkfu li l-fatti m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' sempliċi rapport. Mill-affidavit a fol 2 magħmul minn PS 853 F.Sciberras jirriżulta hekk:

'Rajna lil Zahra li kien liebes ġlekk u baseball capo bajda li niżel minn tal-linja, qasam it-triq u daħal fl-istess vettura fejn wara saq u għadda minn Triq San Pawl. Pero' dak il-ħin ma stjniex inwaqqfuh għax aħna konna fit-triq tax-Xatta u konna sejrin fid-direzzjoni ta-traffiku.

L-istess dettalji jidhru fl-affidavait ta' PC 1321 E.Hayman a fol 5. U f'dan l-affidavti insibu hekk:

'Inżid ngħid li fil-għaxija għall-ħabta tad-20.40, waqt li kont sejjer Marsaxlokk fuq xogħol, vettura ta' kulur aħmar bdiet iddoqq il-horn b'mod repetut. Waqaft peress li ħsibt li kien ġara xi ħaġa lix-xufier. Din il-vettura waqfet maġenb il-vettura tas-servizz u ndunajt li x-xufier kien l-istess Joseph Zahra li kien qiegħed jilmenta fuq ir-rapport li kien għamel tal-ġlieda ta-ttifel tiegħi bl-istess imsemmija vettura. Jien

ordnajt li Zahra sabiex jieqaf isuq, iżda dan injora l-odrni mogħtija lilu u qabad isuq direzzjoni lejn id-dar tiegħu f'Ħal-Far.'

Dawn id-dettalji mill-affidavits juru li l-fatti ma kinux sempliċiment rapport li l-appellant kien qed isuq. Il-fatti huma l-essenza ta' x'raw xhieda okulari u ta' x'ordni ngħatat lill-appellant. Definitivament mhumiex sempliċi rapport.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

Il-Qorti iżda xorta kkonsidrat jekk l-ewwel Qorti setgħetx tasal għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolement. L-affidavits huma xhieda ċarissima ta' x'effettivament ġara u ma jħallu l-ebda dubju li l-appellant kien qiegħed isuq Min-naħa l-oħra s-sentenzi ppreżentati jippruvaw ir-reċidiva.

L-appellant jissottometti wkoll li l-piena mhix waħda ekwa u ġusta. Il-Qorti kkundannat lill-appellant iħallas ammenda ta' €50 għat-tielet imputazzjoni. Din hija għal kollox fil-parametri tal-Liġi dwar il-pieni marbuta ma' kontravenzjonijiet. Imbagħad imponiet piena ta' priġunerija għal tliet xhur għall-imputazzjonijiet l-oħra. L-aħħar waħda hija r-reċidiva. Għat-tieni imputazzjoni waħidha, jekk wieħed isuq bla liċenzja, dan jista' jeħel piena li tasal sa tliet xhur priġunerija. Min-naħa l-oħra jekk wieħed jinqabad isuq fi żmien li huwa skwalifikat milli jsuq (artikolu 59 tal-Kap 104), wieħed huwa patibbli għal piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew inkella multa li ma taqbiżx il-€232.94. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ma jidhirx li l-Qorti imponiet xi piena barra mill-parametri tal-Liġi jew xi piena esaġerata. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din is-sottomissjoni tal-appellant.

Konklużjoni.

Il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u qed tiddikjara r-rikors tal-appell bħala irrit u null minħabba n-nuqqas ta' konformita' mal-artikolu 419(1)(a) tal-Kap 9.

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fil-21 ta' Diċembru 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------